**MINUTI**
**Laqgħa tal-Kunsill Lokali taż-Żejtun**

**Laqgħa Nru. 04/2017**

| | |
|---|---|
| **Data:** | 5 ta' April 2017 |
| **Ħin:** | 7:00pm |
| **Post:** | Sala Mikiel Cachia, 'Dar iż-Żwieten', Kunsill Lokali, 28 Triq Sant' Anġlu, Żejtun |

ŻEJTUN
Citta` Beland

Frott iż-Żebbuġ Ismi

---

**Preżenti**
Joe Attard - Sindku
Maria Dolores Abela - Viċi-Sindku
Claude Camilleri - Kunsillier (sas-7:30pm)
Joan Agius - Kunsilliera
Raymond Caruana - Kunsillier
Sean Chircop - Kunsillier
Stephania Fenech - Kunsilliera (sas-7:30pm)
Anton Falzon - Segretarju Eżekuttiv
Angelo Caruana - Assistent Prinċipali
Laura Caruana - L-Ambaxxatriċi taż-Żgħażagħ

**Skużati**
Amanda Abela - Kunsilliera
Joe Hales - Kunsillier

---

## AĠENDA

**4.1** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**
**4.2** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**
**4.3** **Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**
**4.4** **Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**
**4.5** **Offerti**
**4.6** ***Audit Adjustments***
**4.7** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti**
**4.8** **Affarijiet oħra u;**
**4.9** **Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

**04. 1.** **Qari tal-ittri ta' apoloġija**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 1. 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Hales ma setax jattendi għal laqgħa minħabba li hu indispost (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |
| | | Segretarju Eżekuttiv | Informa li Abela ma setatx tattendi għal laqgħa minħabba raġunijietta' xogħol (imejl annessa) | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 2.** **Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04. 2. 1 | | Proponent:<br>Sekondant: | Il-Minuti 03/17 inqraw u ġew approvati nem.con. b'dawn il-korrezzjonijiet | |
| | 01.09.09 | Viċi-Sindku | Li l-isem għandu jaqra Demelsa | |
| | 03.05.03 | Fenech | Li l-isem għandu jaqra Jesmond Ferriggi | |
| 04. 2. 2 | | **Wara l-minuti ġew iffirmati mis-Sindku u s-Segretarju Eżekuttiv** | | |

| 04. | 2. | | | Rapporti mill-Minuti | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| **Riferenza** | | | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċiżjoni** | **Inkarigat** |
| 04 | 02 | 03 | 01.09.01 | Agius: Il-Festa ta' San Girgor | Agius informat lill-Kunsill li kellha laqgħa u ser titkellem ma' Noel D'Amato. Is-Sindku qal li għandha ssir laqgħa l-Kunsill sabiex jiġi miftiehem x'ser isir. Qal ukoll li l-*Inguardia* għandha ssir parti mid-*defile* u mhux mill-purċissjoni.Talab li jiġu meħjuta sett pavaljuni tad-damask għal mal-gallariji. Ser jilbsu wkoll t-tfal u ż-żgħażagħ u se jkun hemm għaxar *stalls fost affarijiet oħra* . | Agius |
| 04 | 02 | 04 | 01.09.05 | Agius: Zumba | Agius informat lill-Kunsill li l-attivita` kienet ser issir fl-1 ta' Mejju pero ser ikollha tiġi posposta għal ġurnata oħra. | Agius |
| 04 | 02 | 05 | 01.09.06 | Agius: Attivitajiet tal-Għid | Agius informat lill-Kunsill li t-tfal ser iduru l-attivitajiet u l-wirjiet li ser ikunu organizzati fiż-Żejtun u rringrazzjat lill-Chircop għal fuljett li pprepara fejn jiġbor fih l-attivitajiet kollha tal-lokal. | Agius |
| 04 | 02 | 06 | 03.02.08 | Chircop: Bolol | Chircop informa lill-Kunsill li l-bolol li nħarġu inbiegħu kollha kif ukoll ħarġet it-tieni edizzjoni tar-rivista *The Melite Post* u ser tibda toħroġ kull tlett xhur. | Chircop |
| 04 | 02 | 07 | 03.02.09 | Chircop: *Hike* | Chircop informa lill-Kunsill li l-*Hike* sar u kien suċċess. | Chircop |
| 04 | 02 | 08 | 03.02.13 | Caruana: Sinjali tat-traffiku | Caruana qal li s-sinjali tat-toroq iridu jsiru kif suppost għax qed ikun hemm ħafna garr. Qal li hemm ċertu sinjali mingħajr awtorizzazjoni ta' TM. Is-Sindku rrimarka li l-muturi żdiedu u għalhekk qed isiru parkeġġi għalihom. Qal ukoll li dawn isiru fuq pariri tal-Koperattiva u f'kull triq ikun hemm il-problemi tagħha. | Hales |
| 04 | 02 | 09 | 03.02.15 | Agius: Għaqal id-Dar | Agius informat lill-Kunsill li kellom laqgħa u l-kors ser jibda fl-24 ta' April u qed jintbagħtu l-ittri u qed jiġu jirreġistraw l-Kunsill mingħajr ħlas. | Agius |
| 04 | 02 | 10 | 03.05.01 | Chircop: Ġieh iż-Żejtun | Chircop informa lill-Kunsill li s-serata ta' Ġieh iż-Żejtun saret u kienet tajba ħafna b'attendenza rekord. Irringrazzja lil dawk kollha li attendew. B'kollox kien hemm 49 sottomissjoni. Tqassmu żewġ ktejbiet bil-kitbiet li ħadu sehem u kien hemm rispons tajjeb għalihom. | Chircop |

| | | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 02 | 11 | 03.05.01 | Chircop: Konkors Letterarju | Chircop qal li dawn kienu r-rebbieħa tal-kategoriji:<br>- fil-Kategorija Xogħol Letterarju (Tfal u Żgħażagħ): Andre' Mifsud (Iljieli Settembrin)<br><br>- fil-Kategorija Poeżija (Adulti): Lina Bonnici (Tal-Pitrolju)<br><br>- fil-Kategorija Djalett Żejtuni: Joseph Baldacchino (Ma Kienetx Mawra se Kemmiwne)<br><br>- fil-Kategorija Rakkont: Mary Rose Mifsud (Miss Caruana Stella) | Chircop |
| 04 | 02 | 12 | 03.05.01 | Sindku: Ġieh iż-Żejtun | Is-Sindku faħħar is-serata għax kienet tajba ħafna u għadda rimarka biex tinżamm kemm jista jkun fil-qosor sabiex in-nies ma tiddejjaqx. | Chircop |
| 04 | 02 | 13 | 03.05.01 | Chircop: Trofew Ġieh iż-Żejtun | Chircop qal li t-trofew inbidel u sar tal-fidda u ngħoġob ħafna. | Chircop |
| 04 | 02 | 14 | 03.05.01 | Caruana: Ġieh iż-Żejtun | Caruana qal li kien hemm min ma kienx infurmat li nbiddlu r-regolamenti. Is-Sindku qal li dawn kienu miktuba fuq iċ-ċirkolari li ntbagħtet lill-Għaqdiet u min kien interessat kellu aċċess sabiex jiċċekja. | Chircop |
| 04 | 02 | 15 | 03.05.05 | Chircop: Trevor Zahra | Chircop informa lill-Kunsill li Trevor Zahra ma setax jattendi għas-serata ta' Ġieh iż-Żejtun u ġabar it-trofew ħuh Reno Zahra, filwaqt li xxandar filmat b'messaġġ minn Trevor Zahra. Kien hemm nies li kellhom jingħataw rikonoxximent li ma setawx jattendu ukoll. | Chircop |
| 04 | 02 | 16 | 03.09.10 | Viċi-Sindku: Attivita` għal Anzjani | Il-Viċi-Sindku nfurmat lill-Kunsill li l-attivita` saret bl-għajnuna tal-Kunsilliera Fenech fit-23 anniversarju mill-ftuħ tad-Dar tal-Anzjani. Saru eżerċizzji fiżiċi. | Viċi-Sindku / Fenech |
| 04 | 02 | 17 | | Sindku: Grupp ta' muturi mill-Italja | Sindku qal li kien hawn Malta grupp ta' muturi mill-Italja u ġew iż-Żejtun. Dawn idawwru il-każini. | Sindku |
| 04 | 02 | 18 | | Sindku: Ħames artisti | Is-Sindku informa lill-Kunsill li bħalissa fiż-Żejtun hawn ħames artisti li qed jaħdmu fuq l-arti tagħhom fiċ-Ċentru tal-Arti u Artiġjanat. Qal ukoll li dawn ġew mistiedna għal-laqgħa tal-Kunsill. | Sindku |

**04 3 Komunikazzjoni mis-Sindku u Korrispondenza**

Il-Kunsill ikkonsidra l-korrispondenza li rċieva kif inkluża fir-rendikont ML 04/17. B'riferenza għal:

| Riferenza | | | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 3 | 1 | | | Ma kienx hemm ħin sabiex dawn jiġu moqrija u għalhekk se jsiru fis-seduta li jmiss. | |

**04. 4. Tweġibiet għal mistoqsijiet tal-Kunsilliera**

**04. 5. Offerti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 5 1 | | Segretarju Eżekuttiv: Tenders<br>- Bulky Refuse<br>- Parks and Gardens<br>- Street Sweeping<br>- Public Conveniences | Is-Segretarju Eżekuttiv qali li reġa ltaqa mal-*adjudication board,* sabiex jiġi finalizzat il-proċess tal-għażla. Id-dokumenti sottomessi qed jiġu evalwati fid-dettall sabiex isir l-aġġudikar fil-jien li ġejjien. | Segretarju Eżekuttiv / *Adjudication Board* |

**04. 6. Audit Adjustments**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 6 1 | | Segretarju Eżekuttiv | Is-Segretarju Eżekuttiv ressaq quddiem il-Kunsill l-emendi proposti mill-awdituri wara li sar l-proċess tal-awditjar. Dawn l-emendi ġew approvati nem.con | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 7. Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Iskeda tal-pagamenti**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċiżjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 7 1 | | Tabella tal-Ħlasijiet 04/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. li jħallas għas-servizzi kuntrattwali skond ir-rakkomandazzjoni tar-rappreżentant tal-Kunsill b'dawn il-korrezzjonijiet.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 7 2 | | Talbiet għal Xiri Seduta 04/17 | **Il-Kunsill approva nem.con. il-lista ta' ordnijiet għal xiri ta' xogħlijiet, oġġetti jew servizzi.** | Segretarju Eżekuttiv |
| 04 7 3 | | *Petty Cash* - Frar u Marzu 2017 | Il-Kunsill approva nem.con. il-*petty cash* li ntefqu fix-xhur ta' Frar u Marzu hekk kif preżentat. Dawn kienu jammontaw għal €123.01 u €115.33 | Segretarju Eżekuttiv |

**04. 8. Affarijiet oħra u;**

| Riferenza | Rif | Mingħand / Suġġett | Kummenti / Deċizjoni | Inkarigat |
|---|---|---|---|---|
| 04 8 1 | | Agius: Attivita` Jum l-Omm | Agius informat lill-Kunsill li ser issir l-attivita` għal Jum l-Omm b'*Harbour Cruise* fid-19 ta' Mejju. | Agius |
| 04 8 2 | | Agius: Berġa | Agius informat lill-Kunsill li rċevejna ittra mingħand id-Dipartiment tas-Saħħa, sabiex il-Berġa tgħaddi f'idejn il-Kunsill. Ser isir tisbieħ u jinxtara li hemm bżonn minn naħa tad-Dipartiment. Il-Kunsill ser ikun responsabbli li jħallas l-kontijiet tad-dawl u l-ilma u t-tindif. Din ġiet approvata unanimament. | Agius |
| 04 8 3 | | Chircop: Fuljett tal-Ġimgħa l-Kbira | Chircop qal li nħareġ il-fuljett bil-Malti u bl-Ingliż b'informazzjoni dwar l-attivitajiet u l-wirijiet tal-Ġimgħa Mqaddsa fiż-Żejtun. | Chircop |
| 04 8 4 | | Chircop: Premju Frans Sammut | Chircop qali li għal sena oħra ser nerġgħu napplikaw għal Premju Frans Sammut. | Chircop |
| 04 8 5 | | Chircop: Taħdita tat-Teatru V18 | Chircop qal li hu u l-Grupp ŻOEY attendew għal taħdita tat-teatru V18 u kienet interessanti ħafna. | Chircop |

| | | | | | |
|---|---|---|---|---|---|
| 04 | 8 | 6 | Chircop: Tifkira tal-Vittmi tal-Gwerra | Chircop informa l-Kunsill li l-attivita` sabiex jitfakkru l-vittmi tal-gwerra ser issir fis-7 ta' Mejju. | Chircop |
| 04 | 8 | 7 | Chircop: Żjara il-Mużew tal-Filatelija | Chircop informa l-Kunsill li ser issir żjara l-Mużew tal-Posta fit-28 ta' April għal Grupp tal-Filatelija. | Chircop |
| 04 | 8 | 8 | Fenech: Attivita` l-Kindergarten | Fenech informat li l-Kunsill ġie mistieden sabiex jattendi għal attivita` li ser tiġi organizzata l-iskola li fit-23 ta' April . Qalet li ser ikun qed isir *mural* bit-tappijiet waqt din l-istess attivita`. Agius żiedet li ser jieħdu sehem ukoll it-tfal mill-Kids Club. | Fenech |
| 04 | 8 | 9 | Viċi-Sindku: Infjorata | Il-Viċi-Sindku informat lill-Kunsill li ser torganizza Infjorata fit-28 ta' April għal anzjani u persuni b'diżabilita li parti minnha ser tkun sponsorjata mill-V18. | Viċi-Sindku |

**04. 9. Tmiem tal-Laqgħa u d-data tas-seduta li jmiss**

| **Riferenza** | **Rif** | **Mingħand / Suġġett** | **Kummenti / Deċizjoni** | **Inkarigat** |
|---|---|---|---|---|

Is-Sindku għalaq il-laqgħa fit-8:00pm. Laqgħa oħra ser issir nhar it-Tnejn, 24 ta' April fis-Sala Mikiel Cachia fl-uffiċċji tal-Kunsill Lokali Zejtun fis-6.00pm.

IFFIRMATA
Joe Attard
Sindku

IFFIRMATA
Anton Falzon
Segretarju Eżekuttiv